ilma ħdejn l-istatwa tal-Madonna, nadifa. Taħslu xejn fiha, lanqas idejkom.

8. Mill-ħarġa tal-fuljett li ġejja, beħsiebna nippubblikaw sensiela ta' artikoli taħt it-titlu "GĦALIEX NEMMNU FIL-ĠRAJJIET TAL-GIRGENTI."
9. Il-laqgħa li jmiss se tkun fis-26 ta' Jannar 1992, fit-3 p.m. lejliet il-*Birthday* ta' Ġuża.



*Ritratt meħud mill-ajru tal-għalqa fejn isiru l-laqgħat ta' talb u l-wied fejn il-Madonna kienet dehret lil Ġuża Mifsud.*

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 9 JANNAR 1992 JITQASSAM BLA ĦLAS

*1992!*
*XEWQAT MILL-ISBAĦ GĦAS-SENA L-ĠDIDA LILL-QARREJJA KOLLHA TA' LEĦEN IL-GIRGENTI*

*NIXTIEQU JUM MIMLI BARKIET TAS-SEMA U ĦAJJA TWILA TA' ĦIDMA SPIRITWALI LIL ĠUŻA MIFSUD FL-OKKAŻJONI TA' EGĦLUQ SNINHA FIS-SEBGĦA W GĦOXRIN TA' JANNAR 1992*

**INTENNU DAK LI GĦEDNA SENA ILU:**

Id-Digriet tal-Kongregazzjoni għall-Propagazzjoni tal-Fidi (A.A.S.N. 58 - 18 tad-29 ta' Diċembru 1966) li abbroga il-Kanoni 1399 u 2318, kien ap-provata mill-Q.T. Pawlu VI fl-14 ta' Ottubru 1966; u kien ippubblikat bl-awtorità ta' l-istess Papa.

Id-Digriet igħid: "MHUX PROJBIT LI XXERRED MINGĦAJR 'IMPRIMATUR' KITBIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' APPARIZZJONIJIET, REVELAZZJONIJIET, VIŻJONIJIET, PROFEZIJI U MIRAKLI."

Għalhekk ħadd ma għandu jeżiġi xi 'imprimatur' speċjali mill-Kurja għall-pubblikazzjoni ta' dawn il-fuljetti. Madankollu aħna għamilna dikjarazzjoni li bl-ebda mod ma rridu ngħaddu ġudizzju fuq dak li hu sopranaturali fil-fatti msemmija f'dawn il-fuljetti.

# GĦALIEX "TAL-KONSAGRAZZJONI"?

Peress li qed naraw dejjem uċuħ ġodda fil-laqgħat ta' talb, naħsbu li hemm ħafna nies li ġew il-Girgenti għall-ewwel darba, dawn l-aħħar xhur, u jafu ftit li xejn fuq il-ġrajjiet li seħħew fl-imgħoddi.

Għaliex il-Madonna trid li nsejħula "TAL-KONSAGRAZZJONI"?

Jekk naħsbu ftit, naraw kemm festi differenti ta' Marija Santissma niċċelebraw u kemm intuha titoli li jfakkruna f'xi ġrajja tal-ħajja tagħha. Dan jogħġobha ħafna.

Imma hemm titlu li l-Madonna xtaqet li ntuhulha għax ħadd ma kien għadu semmieh.

Darba, wara li Ġuża spiċċat tgħid ir-rużarju għal x'il-ħdax ta' filgħaxija, il-Madonna dehritilha bil-Bambin fuq dirgħajha. Talbitha tagħmel tpinġija fuq santa li kienet f'kexxun. Qaltilha biex din ix-xbiha ssemiha "Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni," biex niftakru li meta l-Madonna kienet għadha tarbija, ommha, Sant Anna, ikkonsagratha lil Alla. Dan kien fatt li ħadd ma kien jaf bih.

Din id-deħra importanti ġrat meta Ġuża kellha xi sebgħa u għoxrin sena, fil-kamra fejn kienet torqod; jiġifieri dan ġara aktar minn erbgħin sena ilu.

**INFAKKRUKOM**

Din hija t-TIELET SENA ta' "LEĦEN IL-GIRGENTI"!... S'issa ġew imqassma madwar 40,000 kopja ta' dan il-fuljett ma' Malta, Għawdex u ħafna pajjiżi oħra fejn hemm l-emigrati Maltin.

KOLLOX "AD UNUR" IL-MADONNA TAL-KONSAG-RAZZJONI, TAL-GIRGENTI



# NIFHMU LIL ĠUŻA (4)

**NITOLBU MA' ĠUŻA MIFSUD**

Kif smajtu kemm-il darba minn Ġuża stess, hi ftit tista' torqod u saħansitra lanqas tistrieħ fuq sodda bħal ma nagħmlu aħna. Allura hi x'tagħmel?... Taqbad il-kuruna tar-rużarju, u waqt li ż-żibeġ jgħaddu waħda wara l-oħra bejn subgħajha, Ġuża tgħid ir-rużarju u timmedita, kważi dejjem, fuq il-misteri tad-doloruż. Il-ħajja ta' Ġuża hi meditazzjoni kontinwa; mhux biss matul il-jum, iżda anke bil-lejl.

Aħna ma nistgħux nagħmlu bħalha. Imma, kultant, nistgħu nsibu mumenti matul il-ġurnata, meta moħħna jkun fil-kwiet, u naħsbu fil-preżenza t'Alla u tal-Madonna u ngħidu xi talba minn qalbna.

Xi uħud minna jbatu bl-insomnja, jiġifieri ma jkunux jistgħu jorqdu, bil-lejl, kif jixtiequ. Ma' dawn irridu nżidu dawk l-anzjani li fi xjuħithom ikollhom igħaddu sigħat twal bla rqad. U xi ngħidu għall-imsejkna morda?... Dawn spiss ma jkunux jistgħu jagħlqu għajn ma' għajn, imħabba l-uġigħ jew id-deni. Fost dawk li huma b'saħħithom hemm mhux ħażin min jistenbaħ bil-lejl, darba jew aktar minn darba.

Min minn dawn kollha li semmejna, qatt ġietu f'moħħu li waqt li kien imqajjem billejl, aktarx li Ġuża kienet ukoll imqajma titlob għalih?... Ġuża titlob għal kulħadd.

Nissuġġerixxu lill-ħbieb tagħna kollha, li f'xi mument li jkunu mqajma bil-lejl, jaħsbu f'Ġuża u jingħaqdu b'xi talba magħha. M'hemmx bżonn talb fit-tul; xi posta rużarju, xi tliet 'Ave Maria', xi talba personali lill-Madonna; ikun x'ħin ikun. Hekk nagħmlu katina ta' talb matul il-lejl biex mat-talb ta' Ġuża titla' fwieħa spiritwali quddiem il-Mulej biex tpatti għall-intiena ta' dnubiet li qed jeqirdu pajjiżna u d-dinja kollha.

Ma ninsewx li l-Mulej u l-Madonna jkunu magħna l-ħin kollu. DAWN QATT MA JORQDU!...

**L-ILMA TAL-GIRGENTI**

Snin ilu, fil-bidu tal-laqgħat ta' talb fl-għalqa santwarju, Ġuża kienet qaltilna li l-Girgenti għad isir bħal Lourdes, għax minhemm għad

jinqalgħu grazzji kbar. Għalhekk hi ħasbet biex ikun hemm ilma li kulħadd ikun jista' jieħu miegħu għal skop ta' fejqan. Ġuża qaltilna li dan l-ilma hu mbierek mill-Madonna.

B'dan l-ilma sar ħafna fejqan! Imma dan l-ilma m'għandu l-ebda valur mediċinali. Il-fejqan mhux l-ilma jagħmlu. L-ilma meħud mill-Girgenti (u mhux ilma ieħor) huwa biss is-SINJAL tal-fidi tagħna fil-Madonna u jista' jitqies ukoll bħala l-ħolqa li tgħaqqad lid-devot mal-Madonna.

Ladarba qed isir ħafna fejqan b'dad l-ilma (u sintendi flimkien mat-talb ħerqan li wieħed jagħmel) għandna nifhmu li l-Madonna tieħu pjaċir li ninqdew bl-ilma mbierek minnha. Għalhekk Ġuża tħeġġigna biex nieħdu minnu.

## GRAZZJI MAQLUGĦA

*1. Intervista ta' Carmela Sultana, li toqgħod Ħaż-Żebbuġ. Dan hu, fil-qosor, x'qaltli Karmena.*

Fis-16 ta' Settembru 1988, instadditilha l-musrana l-kbira. Bl-isforz li għamlet biex tir-remetti, qabżitilha għadma min-naħa ta' wara u l-uġigħ kien tant kbir li wara li ssejjaħ it-tabib, hi ġiet meħuda l-isptar. Mill-ewwel tawha d-drip u peress li ħarġilha z-zokkor (li ma kellhiex qabel), injettawha bl-insulina.

L-għada tellgħuha fuq, ma' pazjenti oħra; dejjem bid-*drip* f'idha x-xellugija; bla ikel u xorb; biss eżami tad-demm li ma tax riżultat. Karmena talbet lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni b'ħerqa kbira biex tfejjaqha; almenu li tkun tista' tmur sat-toilet.

Wara nofsinhar, waqt li idha kienet stirata bid-*drip* u hi ma setgħetx tiċċaqlaq, qiegħdet idha l-leminija taħt rasha biex tistrieħ. F'daqqa waħda indunat li ma kellhiex uġigħ u qamet bilqiegħda. Issejħet it-tabiba li ordnat li titneħħa d-*drip* u ma tingħatax iżjed l-insulina.

L-għada filgħodu, Karmena marret it-toilet u ġiet lura, waħeda. Meta l-pazjenti u n-nurses li kienu hemm rawha timxi qabdu jċapċpu u jgħidu: "Ara tal-Girgenti qegħda timxi!"... "Mela ma kontx se nimxi?" staqsiethom Karmena, għax tawha x'tifhem li ma kinetx tista' timxi iktar. B'għageb kbir, Karmena kienet imfejqa għal kollox. Żammewha sa l-aħħar tax-xahar *under observation* jeżaminawlha d-demm xi tliet darbiet kuljum u sabulha kollox normali kif jidher fiċ-ċertifikat li tawha, bid-dettalji meħuda mill-*file* tagħha, l-isptar.

Tel. 621251/607860
Our Ref
Your Ref

ST LUKE'S HOSPITAL
G'MANGIA

1.3.90

Sultana Carmela
of Pabla

Dear Doctor,
This 67 year old lady presented in 1989 with right iliac fossa pain.
There were no abnormal findings on examination. All routine blood tests were normal as well as an IVU and barium enema which were normal.
She is presently well and asymptomatic.

Yours sincerely,
DH 75(i)
[signature]

Dan hu ċ-ċertifikat:

Din l-intervista saret fil-21 ta' Settembru 1991, jiġifieri tliet snin wara l-fatt irraportat. Karmena qaltli li minn dakinhar 'l hawn qatt ma kellha nkwiet f'saħħitha. **L-Editur.**

*2. Intervista ta' Mary Caruana, bint Indri u Rita Spiteri.*

Mary qaltli storja twila li jkollna nqassru imħabba nuqqas ta' spazju. Rita marret il-Girgenti f'Lulju 1988 u rat il-fenomeni tax-xemx. Mary marret ma' ommha Rita f'Awissu u rat hi wkoll fenomeni fix-xemx. Is-Sibt ta' wara, Mary fettlilha titla' fuq il-bejt id-dar tagħha, il-Fgura, biex forsi tara xi fenomenu bħal ma rat il-Girgenti. Dan kien f'nofsinhar. Wara li ppruvat tħares lejn ix-xemx għal xi ftit minuti, mingħajr suċċess, għajnejha bdew jaħarquha, u

minnhom beda nieżel ħafna dmugħ.

Meta niżlet isfel, baqgħet tħoss il-ħruq u ma bdietx tara ċar. Għaddiet ġimgħa sħiħa u għajnejha baqgħu l-istess. Allura, it-Tnejn, marret għand it-tabib Cordina ta' Raħal Gdid, li wara li eżaminaha qalilha li kienet ħarqet il-warrani ta' għajnejha. Qallha li ma kinetx se tagħma imma lanqas ma kienet se tiġi normali, u għamillha appuntament għal ħmistax wara. Dak inhar stess, ħuha ħadha l-isptar u hawn qalulha eżattament l-istess bħat-tabib Cordina.

Meta reġgħet lura d-dar, Mary bdiet tlaħlaħ għajnejha bl-ilma tal-Girgenti u talbet lill-Madonna tfejjaqha. Dan kien it-Tlieta. L-Erbgħa u l-Ħamis baqgħet l-istess. Imma sal-Ħadd mhux talli marret għall-aħjar iżda fieqet għal kollox u għajnejha ġew normali.

Meta marret għand it-tabib biex tgħidlu li kienet fieqet u jagħmlilha ċertifikat li fieqet mingħajr medikament, it-tabib qalilha: "Dan ma nistax nagħmilulek"; u baqgħet mingħajr ċertifikat. Imma l-isbaħ ċertifikat hu li hi tinsab imfejqa għal kollox, mhux kif bassrulha t-tobba. Infatti t-tabib qalilha "Irringrazzja 'l Alla, għax għandek għaliex tirringrazzjah, għax int ma kellekx tfiq."

**L-Editur.**

*3. Intervista ta' Rita Spiteri, omm James.*

James għandu tifla ta' ħames snin li ftit aktar minn sena ilu (f'Lulju 1990) kienet irrifjutat kull ikel u xorb wara li kien kellha xi uġigħ f'ħalqha. Għaddiet ġimgħa sħiħa ma tieħu xejn. In-nanna Rita talbet lil James iġibilha t-tifla, Amy, għandha, għax beżgħu li kienet se tmut. James refa' t-tifla mis-sodda u ġabha għand ommu. Wara ħafna sforzi, Rita rnexxielha tbellgħa xi żewġ kuċċarini ilma tal-Girgenti lit-tifla u f'isem il-Madonna tatha xi żewġ imgħaref ħalib. Dan kien għal xi d-disgħa ta' filgħaxija. It-tifla ġiet meħuda d-dar tagħha.

Kellhom raġun il-ġenituri tat-tifla jgħajtu "Miraklu" meta għall-ħabta tat-3 ta' filgħodu it-tifla talbet lil ommha ssajrilha t-tarja! Hekk għamlu u t-tifla kielet daqs plattina tarja!... Kienet fieqet!

Minn xifer il-mewt it-tifla reġgħet ħadet il-ħajja.

**L-Editur.**



# SAN MIKIEL, ARKANĠLU

F'ħafna mid-dehriet tagħha, il-Madonna, dawn l-aħħar snin, tħeġġiġna nitolbu lil San Mikiel biex dan l-Arkanġlu jxejjen il-qawwa ta' Satana li qed jagħmel minn kollox biex jeqred is-Saltna ta' Kristu fid-dinja. Hekk għamlet il-Madonna f'Garabanda, f'Roccia di Bel Passo (ħdejn Katanja) f'Wisconsin (U.S.A.) u anke ma' Ġuża Mifsud, il-Girgenti.

Ġuża qaltilna li hi x-xewqa tal-Madonna li nerġgħu nibdew ngħidu t-talba li konna ngħidu lill-Arkanġlu San Mikiel fl-aħħar tal-Quddies. Nitgħallmuha bl-amment u ngħiduha spiss:

**SAN MIKIEL ARKANĠLU**
**JIDHOL GHALINA FIT-TAQBIDA**

San Mikiel Arkanġlu, idħol għalina fit-taqbida, kun Int il għajnuna tagħna kontra l-ħażen u t-tnassis taddemonju: irażżnu Alla, nitolbuk bil-ħerqa: U Inti l-aqwa fost il-qtajja' tas-Sema, itfa', bil-qawwa t'Alla fil-qiegħ ta' l-infern lix-xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra li jiġġerrew fid-dinja għat-telfien ta' l-erwieħ. Amen.

# AVVIŻI

1. Ġuża Mifsud ma tiflaħx u għandha bżonn tal-mistrieħ. Tmorrux tħabbtulha d-dar tagħha.
2. Kull ma għandu x'jaqsam ma' dan il-Fuljett: Rapporti ta' fejqan, grazzji maqlugħa, kontribuzzjonijiet, suġġerimenti, kritika eċċ... ibagħtuh għand l-Editur:
   Brother Victor Privitera,
   Stella Maris College,
   Gżira.
3. L-Editur lest li jagħmel intervista lil min jaqla' xi grazzja kbira, jekk ikun avżat u mogħti l-indirizz u n-numru tat-telefon.
4. Min jixtieq jabbona f'dan il-Fuljett, javża lill-Editur. M'hemmx ħlas obligatorju imma naċċettaw kontribuzzjonijiet mill-qarrejja biex nifdu ftit mill-ispejjeż.
5. Dawk l-abbonati li bidlu l-indirizz tagħhom, jew mhumiex jirċivuh regolarment, huma mitlubin javżaw 'l-Editur.
6. Infakkrukom li dan il-fuljett joħroġ kull tliet xhur u mhux kull xahar.
7. Intkom mitlubin biex iżżommu l-vaska ta' l-